SAN LAWRENZ

Il-minuti tat-tlieta u tletin laqgha tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nzammet nhar il-Hamis 3 t' Ottubru 2013 fit-8:15 ta' filghodu fl-ufficju tal-Kunsill.

**Prezenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Anthony Formosa |
| **Vici Sindku:** | Anthony Cassar |
| **Kunsilliera:** | Michelina Mercieca |
| | John Mercieca |
| | Rose Vella |

**Segretarju Ezekuttiv:** Lucienne Haber

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u gew ikkonfermati

**3.0 Laqgha mal-Perit Shawn Micallef**

3.1 Ghal-laqgha kien prezenti l-Perit Shawn Micallef fejn mieghu gew diskussi tlett punti:-

- L-immarkar ta' swimming zone fil-Qawra u wkoll fil-Port fid-Dwejra
- Is-Sottomissjoni tal-Kunsill ghal Pjan Lokali
- Diskussjoni dwar manutenzjoni ta' rampa u passagg wara t-Torri tad-Dwejra.

3.2 Rigward l-immarkar tal-iswimming zone fil-Qawra l-Kunsill wera t-thassib tieghu dwar kif tista tigi skedata swimming zone peress li l-Qawra hija kontinwament uzata ghad-dhul u hrug tad-dghajjes. Sar qbil li ghandhom jigu kkuntatjati s-sidien tad-dghajjes specjalmet dawk tat-turisti biex naraw il-veduti taghhom u jekk johorgux b'xi soluzzjoni prattika.

3.3 Rigward is-sottomissjonijiet tal-Pjan Lokali, il-Perit wera x-xewqa biex fil-laqgha li l-Kunsill jerggha jkollu mal-MEPA, jigi mistieden biex jara ezattament x'inhuma jistennew mill-Kunsill. Huwa wera x-xewqa wkoll li jara s-sottomissjonijiet mitfugha mill-Kunsill fid-diskussjonijiet tal-ahhar Pjan Lokali.

3.4 Saret referenza ghat-talba li saret mill-kunsilliera Rose Vella sabiex issir xi tip ta' manuntenzjoni lil rampa li taghti ghall-passagg wara t-Torri tad-Dwejra, l-istess passagg li ghalih il-Kunsillier John Mercieca ressaq it-talba sabiex isir crazy paving. Il-Perit irrefera ghaz-zjara li kellu flimkien ma' ufficjali tal-MEPA fil-post u l-perit irrefera ghar-restrizzjonijiet li hemm fuq id-Dwejra u li prattikament ma jridu li jmissu sejn fid-Dwejra. Huwa ssugerixxa li f'dan l-istadju ghandna napplikaw mal-MEPA ghal full permit ghall-manutenzjoni tar-rampa biex naraw x'ser tkun ir-reazzjoni taghhom biex eventwalment napplikaw ghal progett ta' kisi permezz ta' crazy paving ghall-passagg kollu.

3.5 Is-Sindku rrefera ghall-ispezzjoni li saret lit-toqob tal-antarjoli tal-festa fi Triq Nicholas Monsarrat u semma' li jekk jintmessu b'xi romblu kif propost aktar issirilhom hsara. Gie deciz li ghandna niehdu lil Perit fuq il-post u naraw x'jinhtieg li jsirilhom.

**4.0 Laqgha mal-kap il-gid tal-iskola Primarja**

4.1 Ghal-laqgha gie mistieden il-kap il-gdid tal-iskola Primarja s-Sur Michael Refalo. Mieghu gew diskussi xi progetti u problem li qed tiffacja l-iskola minhabba n-nuqqas ta' tfal. Il-Kap tal-iskola stieden lil Kunsill u lill komunita' Lawrenzjana sabiex jinghaqa mal-iskola fl-attivitajiet li qed torganizza. Waqt il-laqgha l-Kunsill prezentalu d-donazzjoni tieghu ta' €200 ghall-htigijiet tal-iskola.

4.2 Waqt il-laqgha tqajjmet il-htiega li ghandha tinhareg quotation ghal mili ta' tank tal-generator tad-Dwejra bil-fuel. Sadanittant il-Kunsill qabel li sakemm tinhareg u taghlaq il-quotation ghandna nixtru xi fuel minghand Vince Grima minn San Lawrenz. Il-Kunsill qabel li l-persuna li tkun inkarigata bhala gwida fl-Interpretation Centre ghandha tkun inkarigata wkoll biex tixghel u titfi l-generator kuljum.

Il-laqgha ntemmet fid-9:15am.

***Anthony Formosa***

***Sindku***

***Lucienne Haber***

***Segretarju Ezekuttiv***